## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 4 ta' Frar, 2003 fis-2.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (3.20pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Diskussjoni dwar Xogħlijiet ta' l-Ilma.
4) Approvazzjoni ta' Xogħlijiet.
5) Mozzjonijiet.
6) Is-sitwazzjoni tat-tindif fil-lokal.
7) Preżentazzjoni ta' Budget u Baance Sheet.
8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 15 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

15.(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem. con il-Minuti tal-laqgħa numru 14 hekk kif ippreżentati.

## 15(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret.*

*15.(2).1 Żjara fl-Isla tal-President ta' Malta ( 16 / 01 / 2003 )*

L-Eċċellenza tiegħu l-Professur Guido De Marco, President ta' Malta żar uffiċjalment il-lokal ta' l-Isla. Din Iż-żjara kienet suċċess kbir fejn taw semhom is-soċjetajiet u s-Sotto Kumitatti tal-Kunsill.

Barra li saru diskorsi ta' l-okkażjoni mill-Eċċellenza Tiegħu l-Professur Guido De Marco u s-Sindku Joseph Casha, l-Eċċellenza Tiegħu ġie mdawwar mal-lokal kollu u ġie milqugħ mid-diversi Għaqdiet fil-lokal kif ukoll mill-Arċipriet ta' l-Isla.

Fl-aħħar taż-żjara kien hemm riċeviment fis-Sala tal-Kunsill. L-Eċċellenza Tiegħu l-Professur Guido Demarco faħħar bis-sħiħ għall-mod kif ġiet organiżżata din Iż-żjara.

*15.(2).2 Sindku Paul Buttigieg - Qala' ( 17 / 01 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha ltaqa' mas-Sindku tal-Qala' Paul Buttigieg waqt is-seminar tas-Sindki, biex jikseb tagħrif dwar ksib ta' fondi għal finanzjament ta' Ġemellaġġ.

Hemm iż-żmien apposta ta' meta tista ssir applikazzjoni dwar dawn il-fondi biex ikunu approvati fil-ħin opportune.

*15.(2).3 Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki (17 u 18 / 01 / 2003)*

Għal din il-laqgħa li nżammet fil-lukanda San Antonio attenda s-Sindku Joe Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar. Fl-ewwel ġurnata sar riċeviment għal Kunsillieri kollha.

Is-Sibt saru diskorsi mill-Onor. Nutar Charles Mangion Shadow Minister, l-Onor. Austin Gatt Ministru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr Alfred Sant u l-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami.

*15.(2).4 Silvar Construction & Services Ltd (20 / 01 / 2003)*

Wara li saret inspection mis-Sur Joe Casha, Sindku, Andrew Vella u Joe Balzan minn Silvar Construction Ltd fi Triq il-Mina tax-Xatt kien jidher li kien sar xogħol ta' tqegħid ta' żonqor kif kien indika l-kuntrattur. Sar qbil biex dan ix-xogħol jiġu kkonfermat mal-Contract Manager Med Developers Designers & Consultants Ltd.

*15.(2).5 Euro Med Project (22 / 01 / 2003)*

Saret laqgħa mas-Sur Giovanni Buttigieg l-uffiċjal ewlieni nkarigat minn dan il-proġett. Ġejna mgħarrfin bil-proċedura li trid issir biex il-Kunsill ikun jista' jieħu sehem f'dan il-proġett.

Is-Sur Buttigieg bagħat kopja ta' l-applikazzjoni dwar kif wieħed jista jieħu sehem kif ukoll dawn il-websites minn fejn il-Kunsill jista' jieħu aktar tagħrif. Prżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Joseph Casha, is-Sinjura Anna Spietri is-Sur Alphonse Zammit u s-Sur Giovanni Buttigieg.

*15.(2).6 Contract Manager (23 / 01 / 2003)*

Is-Sindku ltaqa' mal-Perit Lawrence Mintoff (Contract Manager) u dawwru mal-lokal fejn ġew indikati d-diffikultajiet fosthom Triq il-Ħabs l-Antik.

Għandha ssir laqgħa aktar tard mas-Sotto Kumitat Infrastruttura u proġetti.

*15.(2).7 Sotto Kumitat Edukazzjoni ( 24 / 01 / 2003)*

Saret laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fejn ġew ippreżentati minuti tal-laqgħa li saret ma' Dr. Peter Mayo fejn ġew ppreżentati diversi proġetti li jistgħu jsiru fil-lokal.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Joe Casha, is-Sinjura Anna Spiteri, is-Sur Joe Abela u s-Sur Alphonse Zammit.

*15.(2).8 Water Services Corporation ( 30 / 01 / 2003)*

Saret laqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill dwar xogħlijiet ta' paving li sar mill-Kunsill u l-Kunsill għadhu ma' tħallasx skond kif kien sar qbil fuqhom.

Il-Kunsill għandhu jagħmel rakkomandazzjoni għal kuntrattur biex iwettaq xogħol ta' qlugħ ta' mains ta' l-ilma kif ukoll ta' paving u tqegħid lura ta' żonqor fejn ikun hemm bżonn.

Preżenti kien hemm is-Suinjuri Joseph Casha, Alphonse Zammit, l-Inġ Stefan Galea St. John, Joe Poggi u Salvu Camilleri.

*15.(2).9 Laqgħa Żgħażagħ u Familja (03 / 02 / 2003)*

Din il-laqgħa li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ġew diskussi l-inizjattivi ta' l-Arċipriet biex jiġbor lż-żgħażagħ bil-għan li jkunu mgħarrfin u ndirizzati problemi li jeżistu f'ċertu familji.

Qiegħed jinħass il-bżonn li jkun hawn Social worker fil-lokal u jitwaqqaf Support Group. Sar qbil li s-Sindku Joseph Casha jindirizza lil dawn iż-żgħażagħ fil-laqgħa li ser iħejji l-Arċipriet fis-Sede. Sar qbil li l-Kunsill jitlob lis-Sur Joe Gerada għas-servizzi ta' Social Worker fil-lokal.

Preżenti f'din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Joe Casha, l-Arċipriet Joe Grech, Amanda Ellul, Cathreine Fleri Soler u Anna Spiteri.

*15.(2).10 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-13 u l-31 ta' Jannar 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0060/03/I Malta Fireworks Festival 2003*

Saret talba mill-Awtorita Maltija għat-Truiżmu biex isir użu minn Ġnien il-Gardjola u taħt il-Gardjola għal dan il-festival bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2003.

Sakem il-Gardjola mhux ser tintuża biex jinħaraq in-nar minnha l-Kunsill ma' jsibx oġġezzjoni. Għandha tinkiteb ittra lill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu biex dan il-punt jiġi klarifikat.

*04/0082/03/I STD Yacths Ltd*

Saret talba biex jagħmlu użu ta' quddiem l-entratura ta' Dock No. 1 (Senglea Gate) għal skop ta' Yacth Repair Yard.

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa' din it-talba minħabba li din l-area hija indikata għal Five-a-side football pitch. STD Yacth Ltd għandhom jiġu nfurmati.

*Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill.*

*04/0077/03/I Tiswijiet ta' Kaptelli*

Familji li joqgħodu fi Triq San Pietru u San Pawl talbu biex jiġu rranġati kaptelli. Il-Ħaddiema assenjati mal-Kunsill ser jieħdu ħsieb jagħmlu dan ix-xogħol.

*04/0088/03/I Soċjeta BASIL*

Saret talba biex din is-soċjeta li tgħin in-nies bi bżonnijiet finanzjarji u soċjali biex il-Kunsill jgħinhom jagħmlu użu minn post b'aċċess ground floor għal Bazaar bejn 21 u t-23 ta' Frar 2003. Il-Kunsill qabel li joffri l-uffiċċju l-antik li għandhu f'Misraħ 4 ta' Settembru .

*04/0101/03/I The Producers Creative Partnership Ltd*

Saret talba biex isir użu minn parti mix-Xatt biswit Triq il-Mina tax-xatt għal fini ta' filming. Il-Kunsill ma' kellux oġġezzjoni.

*04/0106/03/I Ġemellaġġ San Lazzaro di Savena*

Permezz ta' l-Ambaxxata ta' l-Iatalja saret talba mill-Belt ta' San Lazzaro di Savena f'Bologna biex isir ġemellaġġ mal-lokal ta' l-Isla.

Fil-prinċipju l-Kunsill jaqbel ma' din l-istedina iżda minħabba raġuni ta' loġistika u finanzi din ser titħalla għal aktar tard. L-ambaxxata għandha tiġi nfurmata b'dan.

*04/0107/03/I* *Librerija Pubblika fil-lokal*

Id-ipartiment tal-Librerija Pubblka nforma lill-Kunsill li żdiedet ir-rata ta' ħlas kull siegħa għall ftuħ tal-librerija pubblka fil-lokal (Lm 1.80).

*04/0131/03/I* *President Kunsill Skolastiku*

Il-Ministru Dott. Louis Galea Ministru ta' l-Edukazzjoni approva l-ħatra tar-Sur Arthur Napier bħala President tal-Kunsill Skolastiku kif kien pproponut mill-Kunsill Lokali.

*04/0137/03/I* *Skema ta' Saħħa għall-Kunsillieri*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali reġa talab għal tagħrif dwar din l-iskema jekk ġietx applikata għall-Kunsillieri wkoll.

Fuq struzzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill wieġeb billi bagħat ittra datata 29 ta' Jannar 2003 mill-istess Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

*04/0143/03/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill laqa' t-talba tal-familja Degiorgio biex isir użu mis-Sala tal-Kunsill għal party ta' preċett nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2003.

*04/0171/03/I* *TV Productions - Map 3*

Il-Kunsill ma' qabilx li jieħu sehem f'din il-proposta.

*04/0179/03/I* *Med Urbs Project*

Il-Kunsill qabel li jerġa jfakkar lill-Kunsill Lokali Bormla dwar flus dovuti lill-Kunsill Lokali Isla permezz ta' dan il-proġett.

*Ittra fl-Orizzont*

B'referenza t'ittra fil-gazzetta l-Orizzont, il-Kunsill qabel li ssir stedina lil Brave Heart biex jiltaqgħu mal-Kunsill biex jiddiskutu s-suġġerimenti li ressaq. GĦandha tintbagħat ittra lill-Orizzont bħala tweġiba f'dan is-sens.

*Traffiku - Triq Iż-Żewġ Mini k/m Triq Il-Kunċizzjoni*

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil Bord għal Kontroll tat-Traffiku fejn jiġi mfisser it-traffic management fit-triq imsemmija biex il-Kunsill jingħata parir fuq il-proposta tal-Kunsill Lokali.

## 15(3) Xogħlijiet ta' l-Ilma

Il-Kunsill qed ippjana li jsir resurfacing bil-Hot Rolled Asphalt f'dawn it-toroq :
Il-Kumplament ta' Triq Iż-Żewġ Mini minn ħdejn il-Knisja ta' San Filippu sal-Gardjola.

Triq Iż-Żewġ Mini ma' Triq San Pietru u San Pawl sa Triq il-Ħabs l-Antik,
Triq il-Ħabs l-Antik,
Triq il-Kap. F. Azzopardi,
Triq San Ġużepp minn Triq Sant'Anna sa Triq San Lawrenz.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għandhom jiġu nfurmati permezz ta' ittra biex isir bdil tal-Mains ta' l-ilma qabel ikun jista' jsir xogħol ta' resurfacing.

## 15(4) Pjan ta' Xogħlijiet ta' Toroq

skond l-estimi li għandhu l-Kunsill, ix-xogħlijiet meħtieġa biex jinqalgħu triq, San Lawrenz, Triq il-Kurċifiss u Triq il-Vittmi tal-Gwerra kif ukoll isiru manholes u bankini ġodda, jlaħħaq għal madwar Lm17, 000. Il-Kunsill qed jaħdem biex jara kif dawn jistgħu jiġu finanzjati.

l-Kunsill ser jitlob lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera jgħin biex il-bankini li mhux taż-żonqor isiru biċ-ċangaturi tal-lava.

## 15(5) Mozzjonijiet

Is-Sindku Joe Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona biex f'kull laqgħa tal-Kunsill, wara li jinqraw il-Minuti tal-Kunsill u ssir il-Kommunikazzjoni mis-Sindku, il-Kunsill jieqaf għal nofs siegħa sabiex iċ-ċittadini preżenti jingħataw iċ-ċans li jagħtu s-suġġerimenti u l-opinjoni tagħhom. L-Għan ta' din il-mozzjoni huwa li tinħoloq aktar parteċipazzjoni.

Din il-Mozzjoni ġiet approvata nem. con. Kopja tal-mozzjoni mehmuża.

## 15(6) Tindif fil-lokal

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mal-President u l-General Manager tal-Koperattiva Ndafa Pubblika fejn ġew diskussi diversi nuqqasijiet li kien hemm. Sar qbil li tinkiteb ittra lill-Koperattiva biex wara li l-Kunsill ġie assigurat li l-ilmenti tiegħu qed jiġu osservati, kollox jista' jiġl għan-normal.

## 15(7) Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Balance Sheets għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2002 kif ukoll il-Business Plan għas-snin 2002 - 2005.

## 15(8) Approvazzjoni u l-ffirmar ta' l-Ordnijiet ta' Pagamenti

Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ppropona li jkun approvat il-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 13,800.48ċ.

Dan il-ħlas ġie approvat nem. con.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-6.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

---

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv